MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2011

Numru. 1144/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander P.Miruzzi)**

**vs**

**Simon Mangion**
**Cedric Borg**

Kumpilazzjoni Nru: 1144/2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Simon Mangion, iben il-mejjet Piju u Josephine xebba Xuereb, imwieled Pieta' fid-09 ta' Frar, 1981 u residenti fil-fond 'Vella Flat 2', Triq Birkirkara, San Giljan detentur tal-karta tal-identita bin-numru 104281(M).

U

Cedric Borg, iben Carmelo u Rosina xebba Agius, imwieled Pieta’ fis-07 ta’ Mejju, 1976 u residenti fil-fond numru 158, Flat 8, Triq il-Wied, Msida u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 236676(M).

Akkuzati talli fid-19 ta’ Mejju, 2010 u fiz-zmien ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer serqu senter tal-marka Luigi Franchi b’numru ta’ serje mhassar li jiswa aktar minn mitejn, tlieta u tletin Euro (€233) pero’ anqas minn elfejn u hames mitt Euro (€2,500) ghad-detriment ta’ persuna mhux maghrufa liema serq hu aggravat bil-valur tal-haga misruqa.

Akkuzati ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun, ndahlu biex imexxuhom.

Akkuzati ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellhom fil-pussess taghhom jew kontroll taghhom, jew kellhom f’idejhom jew fuqhom, arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu.

Akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gew fil-pussess ta’ arma tan-nar, jigifieri senter tal-marka Luigi Franchi b’numru ta’ serje mhassar jew munizzjon, xort’ohra milli b’licenzja u minnufih naqsu jaghtu avviz lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz.

Akkuzati wkoll talli fix-xahar ta’ April u/jew Mejju, 2010 kienu ghall-kacca tal-ghasafar minn fuq l-art waqt stagun maghluq.

Akkuzati wkoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi naqsu li jikkonformaw ruhhom ma’ xi disposizzjoni ta’ dawn i-regolamenti jew naqsu milli jikkonformaw ruhhom mal-kundizzjonijiet ta’ xi ordni moghtija legittimatament skond xi disposizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti jigifieri tal-Avviz Legli 79 tal-2006 kif sussegwentement emendat.

Akkuzati ukoll talli fl-istess data, lok, perjodu u cirkostanzi kisru xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega mposta minn jew taht l-Avviz Legali 79 ta' l-2006 klif sussegwentement emendati.

Akkuzati ukoll talli fl-istess data, lok, perjodu u cirkostanzi kkonfoffaw jew ittantaw jew ghenu, hajjru, taw pariri jew flus lil xi hadd biex jikser xi disposizzjoni bhal dawk (inkluza ordni legittimament moghtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti), jew biex jiksru xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega mposta minn jew taht ir-regolamenti ta' l-Avviz Legali 79 ta' l-2006 kif sussegwentement emendat.

Il-Qorti, giet mitluba li barra l-piena skond il-ligi tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti kif ukoll l-iskwalifika milli wiehed ikollu jew jottjeni il-licenzja tal-arma ghall-zmien mhux anqas minn sena.

Rat l-artikoli 261(c), 267 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 5(1) u 41 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 4 u 27(1)(a)(b)(d) ta'l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputati ammettew l-imutazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom hlief ghall-ewwel wahda u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat il-verbal ta' l-udjenza mizmuma llum meta l-uffucjal prosekutur iddikjara li l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet kienu alternattivi ghal xulxin.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghom hlif ghall-ewwel wahda; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-ewwel zewg imputazzjonijiet huma alternativi ghal xulxin; in vista ta'l-ammissjoni tat-tieni imputazzjoni da parti taz-zewg imputati l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ewwel imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati, il-koperazzjoni taghhhom mal-pulizija, l-ammissjoni taghhom fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, kif ukoll il-fedina penali taghhom li hija netta fil-kaz ta'l-imputat Mangion u kwazi netta fil-kaz ta'l-imputat Borg.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ghar-raguni fuq espressa tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta'l-ewwel imputazzjoni, wara li rat l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 5(1) u 41 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 4 u 27(1)(a)(b)(d) ta'l-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra taghhom u ghat-tieni, it-tielet u r-raba imputazzjoni tikkundannahom sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn u ghal-hames, is-sitt, is-sebgha u t-tmien imputazzjoni tikkundannahom multa ta' mitejn u erbghin Euro (€240) li ghandha tithallas fi zmien tlett (3) xhur. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta qed tiskwalifika lill-imputati minn kull licenzja imsemmija f'l-istess Kapitolu 480 ghal perjodu ta' sena (1), u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 qed tordna l-konfiska ta'l-arma in kwistjoni favur il-Gvern ta' Malta. In konkluzzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil kull wiehed mill-imputati biex ihallas lir-Registratur tal-Qorti nofs l-ispejjez konnessi mal-hatra ta'esperti; il-hlas ghandu jsir fi zmien tlett (3) xhur minn meta jigu interpellati biex jaghmlu l-hlas.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------